



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' April 2020
(OR. en)

6825/20
ADD 1 REV 3
LIMITE
PV CONS 17
JAI 239

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ġustizzja u Affarijiet Interni)
13 ta' Marzu 2020

WERREJ

Pàgna

Attivitajiet mhux leġislattivi

4.	Linji gwida strateġiċi ĠAI.....	3
5.	Migrazzjoni - Segwitu tal-Kunsill Straordinarju tal-ĠAI tal-4 ta' Marzu 2020.....	3
	Affarijiet oħra.....	3

AFFARIJIET INTERNI

Attivitajiet mhux leġislattivi

4. Linji gwida strateġiċi ĠAI

6746/20

Skambju ta' fehmiet

Approvazzjoni

Il-Kunsill iddiskuta l-abbozz ta' linji gwida strateġiċi għal ippjanar leġislattiv u operazzjonali fl-ispażju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Ser isiru aktar konsultazzjonijiet dwar it-triq 'il quddiem fid-dawl tal-approvazzjoni tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 68 TFUE, mill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern.

5. Migrazzjoni - Segwitu tal-Kunsill Straordinarju tal-ĠAI tal-4 ta' Marzu 2020¹

6589/20

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill iddiskuta l-istat attwali dwar il-migrazzjoni u s-sitwazzjoni attwali fuq il-fruntiera Griega mat-Turkija.

Affarijiet oħra

– Metodi ta' ħidma b'rabta mal-Coronavirus

Id-delegazzjoni Taljana qajmet il-punt fil-bidu tal-Kunsill u saħqet li l-miżuri li ttieħdu kienu insuffiċjenti fil-fehma tagħha. Il-laqgħat kollha għandhom isiru permezz ta' vidjokonferenzi. Is-Segretarju Ġenerali fakkar id-deċiżjoni meħuda mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u l-Presidentza tal-Kunsill ibbażata fuq iż-żamma tal-kapaċità tal-unjoni li tieħu deċiżjonijiet, li tillimita t-tixrid tal-marda filwaqt li tadatta l-ħidma tal-istituzzjonijiet. Is-Segretarju Ġenerali elenka l-miżuri li ttieħdu fil-Kunsill u ħa nota tal-kummenti.

– Applikazzjoni tal-kodiċi tal-fruntieri ta' Schengen b'rabta mal-coronavirus

Il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa urġenti għal miżuri nazzjonali koordinati fil-fruntieri interni u infurmat lill-Istati Membri dwar l-adozzjoni li jmiss tal-linji gwida dwar din il-kwistjoni abbażi tal-proporzjonalità, il-koordinazzjoni u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni ta' tali miżuri skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. L-intenzjoni tal-Kummissjoni li tadotta linji gwida dwar din il-kwistjoni ntlagħget minn diversi Stati Membri.

L-Italja appoġġat lill-Kummissjoni, filwaqt li enfasizzat il-problemi esperjenzati fil-fruntieri tagħha f'termini ta' ċirkolazzjoni u kunsina ta' oġġetti u servizzi essenzjali.

¹ B'eċċezzjoni, fil-preżenza tal-Istati Assoċjati ta' Schengen